MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 249/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg f'Malta fis-sitta ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (06.06.2003) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed Kyle li ghadu minorrenni ;
2. Illi l-imsemija konjugi kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana fid-disgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (29.09.2006) – dokument hawn anness u mmarkat Dok AB 1 ;
3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontententi u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom ;
4. Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kondizzjonijiet mehtiega skont l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex prevja kull provvediment iehor li joghgobha taghti :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur sabiex fiz-zmien imholli javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan id-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Settembru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti fuq talba taghha stess sabiex tirriveri ghal kunjom xbubitha u cioe’ Spiteri;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------